MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 490/2007

**Bank of Valletta p.l.c**

**vs**

**Carmel Schembri**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors maħluf imressaq fit-2 ta' Mejju, 2007, li bih is-soċjeta' rikorrenti, ghar-ragunijiet hemm imsemmija, talbet lil din il-Qorti

1. Tiddikjara u Tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn esebiti bħala Dokument "A u B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Carmel Schembri (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmi skritturi, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati,

u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta’ l-istess Carmel Schembri li jipperikolaw jew jaffettwaw ħazin il-possibilita’ tal-ħlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta’ attrici.

2. Tikkundanna lil Carmel Schembri jħallas lis-soċjeta’ attrici s-somma ta’ ħamest elef, ħames mija u wieħed Liri Maltin u tmienja u sittin ċentezmu (Lm 5,501.68) bilanċ għad-debitu fil-“Loan Account” ta’ Carmel Schembri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok.”C”) flimkien ma’ l-imgħax ulterjuri mill-10 t’April 2007 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata fil-21 ta’ Frar 2007 u tal-Mandat ta’ Sekwestru.

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula mill-intimat waqt is-smigħ tal-lum li biha ammetta t-talbiet kif dedotti fir-rikors, u dan wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi tal-istqarrija tiegħu;

Billi mill-ammissjoni tal-intimat, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw pruvati.

Fuq ammissjoni tal-intimat, tiddeċiedi billi tilqa’ t-talbiet tas-soċjeta’ rikorrenti kif dedotti fir-rikors bl-ispejjeż kontra l-intimat, u bl-imgħax legali ulterjuri b’effett mill-10 ta’April, 2007, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------